**Għażiża Kim**

X'dulur kbir u li ma jitfissirx għalina
Li narawk sejra hekk malajr għas-sema,
Kien xokk li ma bħalu, kollu toqol
Kont mara ta' għaqal, kulħadd bik sema'.

Niftakrek tkellimni, iżżommli jdejja,
Tapprezza sal-anqas naqra kull ħaġa,
Ta' ġid li kienet issirlek t'għajnuna
L-eżempju tiegħek mistagħġba.

"Ibqa' ejja arani u tħallinix waħdi"
Dawn huma l-kelmiet li inti għallimtni,
Huma kelmiet li nifdu lil din qalbi
U ħajr lilek ta' kemm kont titbissimli.

Inħossni midjun fuq li midjun lejk Kim
Tajtni l-aqwa lezzjoni ta' kif inħobb,
Il-ħlewwa kbira tiegħek f'dik imġiebtek
Urietni kemm l-imħabba vera lill-qalb tħoll.

U tħollha biex tagħmilha aktar ħielsa
Ħalli b'hekk tilħaq bosta u bosta nies,
Li minħabba d-diżappunti tal-ħallew
Jaħasra ħallew wisq lil qalbhom tibbies.

Imma f'din l-għebusija kollha hemm int Kim
Li bil-kura tiegħek għoġbok twasslilna,
Li l-imħabba li nixtiequ ma tmut qatt
Anzi fil-waqtiet iebsa titbissmilna.

Strieħ oħtna, ħabiba u ġawhra tagħna
Il-Mulej isabbar lill-għeżież tiegħek,
Tir, tir 'il fuq f'sebħ il-ġenna pajjiżek
B'talbek ħudna lkoll ħdejk ħa nkunu miegħek.

Patri Mario Attard OFM Cap
7 ta' Ġunju 2025

Ibierkek Alla li jista' kollox fl-Isem tal-Missier, tal-Iben u tal-Ispirtu s-Santu. Amen.